REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/410

tat-8 ta' Marzu 2017

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 184/2007 u (UE) Nru 104/2010, fir-rigward ta' isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni tad-diformat tal-potassju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

(1) BASF SE ppreżentat applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 li tipproponi bidla fl-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni msemmija fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 184/2007 ([2]) u (UE) Nru 104/2010 ([3]).

(2) L-applikant isostni li ADDCON akkwistat id-drittijiet tal-kummerċjalizzazzjoni minn BASF għad-diformat tal-potassju, l-addittiv tal-għalf, b'effett mill-15 ta' Novembru 2016. L-applikant ippreżenta d-dejta rilevanti li ssostni t-talba tiegħu.

(3) Il-bidla proposta mid-detentur tal-awtorizzazzjoni hija ta' natura purament amministrattiva u ma hemmx għalfejn titwettaq valutazzjoni ġdida tal-addittivi kkonċernati. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ġiet mgħarrfa bl-applikazzjoni.

(4) Sabiex ADDCON tkun tista' tisfrutta d-drittijiet tagħha tal-kummerċjalizzazzjoni, hemm bżonn li jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet rispettivi.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolamenti (KE) Nru 184/2007 u (UE) Nru 104/2010 għandhom jiġu emendati skont dan.

(6) Billi r-raġunijiet tas-sikurezza ma jeħtiġux l-applikazzjoni immedjata tal-emendi li għamel dan ir-Regolament, huwa xieraq li jiġi stipulat perjodu tranżizzjonali li matulu jkunu jistgħu jintużaw il-ħażniet eżistenti.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda fir-Regolament (KE) Nru 184/2007

Fil-kolonna 2 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 184/2007, l-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni "BASF SE" huwa sostitwit b'"ADDCON".

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 184/2007 tal-20 ta' Frar 2007 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tad-diformat tal-potassju (Formi LHS) bħala addittiv tal-għalf (ĠU L 63, 1.3.2007, p. 1).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 104/2010 tal-5 ta' Frar 2010 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' diformat tal-potassju bħala addittiv fl-ikel għall-ħnieżer ta' sess femminil (id-detentur tal-awtorizzazzjoni BASF SE) u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1200/2005 (ĠU L 35, 6.2.2010, p. 4).

Artikolu 2

Emenda fir-Regolament (UE) Nru 104/2010

Fil-kolonna 2 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 104/2010, l-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni "BASF SE" huwa sostitwit b'"ADDCON".

Artikolu 3

Miżuri tranżizzjonali

Il-ħażniet eżistenti tal-addittiv, tat-taħlitiet minn qabel u tal-għalf kompost li jkun fihom l-additiv, li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet applikabbli qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw kollha.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER